**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 15 t' Ottubru 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Agius)**

**Vs**

**Farrugia Clyde**

**Kump. Nr. 520/2013**

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat**, Clyde Farrugia,** detentur tal-karta tal-Identita bin-numru 156192M u residenti 27, 'Thames', Triq iz-Zebbug, Zebbug, u gie akkuzat talli :

1. Fil-5 ta' Mejju, 2013, ghall-habta ta` 22.00hrs fi Vjal il-Helsien, kantuniera ma' Triq Agira, Zebbug (Malta), b' nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'

nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, waqt li kont qed issuq vettura tal-ghamla Peugeot 306, bin-numru tar-registrazzjoni DBD-747, involontarjament ikkagunajt offizi ta' natura gravi u perdurata fuq il-persuna ta' Dylan Caruana minn Haz-Zebbug, skond kif iccertifika Dr. Jonathan Zammit (Reg no. 3054) tal-iSptar Mater Dei;

2. Akkuzat ukoll talli fl-istess jum, lok u cirkostanzi ghamilt hsara involontarja fuq motor cycle bin-numru ta` registrazzjoni GAC552 ghad-dannu ta` Dylan Caruana;

F'kaz ta' htija il-prosekuzzjoni qed titlob li l-istess Clyde Farrugia jigi skwalifikat minn kull licenzja tas-sewqan.

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tad-29 ta' Mejju, 2013 (ara *folio* 10) sabiex din il-kawza titmexxa u tigi deciza bil-procedura sommarja

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Semghet sottomissjonijiet finali;

**Ikkunsidrat**;

Illi mill-provi dokumentarji u xhieda, f'dan il-procediment irrizulta illi nhar il-5 ta' Mejju, 2013, ghall-habta ta' bejn id-9:30pm u l-10:00pm sehh l-incident stradali fl-inkrocju bejn Vjal il-Helsien u Triq Agira, gewwa Haz-Zebbug, fliema incident

kienu nvoluti vettura Peugeot DBD 747 misjuqa mill-imputat Clyde Farrugia u mutur bin-numru tar-registrazzjoni GAC 552 misjuq minn Dylan Caruana.

F'dan l-incident wegga gravi Dylan Caruana u l-feriti li garrab kien ta' natura gravi per durata (ara f'dan is-sens ic-certifikat mediku esebit *a folio* 8, id-deposizzjoni tat-Tabib Jonathan Zammit u deposizzjonijiet tal-konsulent Mark Portelli li jinsabu *a folio* 93 u *a folio* 97).

Dwar dawn ir-rizultanzi ma hemmx kontestazzjonijiet.

Hija pero ikkontestata, b'mod akkanit, il-kwistjoni tar-responsabbilita ossia, fi kliem semplici, min ghandu jiehu t-tort ghal dan l-incident.

F'termini semplici hafna, il-protagonisti ossia l-imputat u l-allegat vittma Dylan Caruana, jaghtu verzjonijiet konfliggenti ghall-ahhar.

L-allegat vittma Dylan Caruana jixhed illi huwa kien qed isuq il-mutur fi Vjal il-Helsien, direzzjoni hiereg il-barra min Haz-Zebbug, u meta gie fl-inhawi tal-Brown's Pharmacy, biswit it-triq sekondarja Triq Agira, huwa ntlaqat mill-vettura misjuqa mill-imputat, meta dan tal-ahhar kien qed jaqsam Vjal il-Helsien biex jidhol ghall-Triq Agira.

Minn naha tieghu, is-sewwieq tal-vettura, l-imputat Clyde Farrugia, isostni illi hu kien qed isuq go Vjal il-Helsien, direzzjoni diehel lejn Haz-Zebbug, u meta wasal sabiex jaqsam ghan-naha l-ohra, u kellu jaqsam il-karreggjata fid-direzzjoni opposta biex jidhol go Triq Agira, hu xeghel l-indicator, ra li ma kien gej hadd mill-karreggjata opposta u saq ghal go Triq Agira, fliema mument sehh l-impatt mal-mutur li allegatament kien gej kontra l-one-way minn go Triq Agira.

Din hi l-kwistjoni kollha f' dan il-kaz.

**Ikkunsidrat;**

Illi f'dan l-istadju din l-Qorti tixtieq taghmel parentezi zghira u tghaddi kumment. Certament illi dan il-kwadru ta' fatti iffisser li xi hadd mill-protagonisti qieghed jigdeb u allura gie li xehed bil-gurament il-falz. Ghaliex il-verita hija wahda u allura wahda mill-verzjonijiet hija gidba.

Dan hu fatt serju hafna u din il-Qorti qed tiltaqa mieghu ta' spiss. Hasra kif il-gurament qed jittiehed b'mod daqstant legger, apparti l-konsegwenzi serji fuq il-Qorti stess li ghandha l-obbligu li taghmel il-gudizzju.

Min minnhom gideb, din il-Qorti ma tafx. U kull ma ser tghid hu li hu min hu, min gideb imissu jisthi.

**Ikkunsidrat;**

F'dan l-istadju allura l-Qorti sejra tezamina aktar fid-dettal ir- rizultanzi processwali ghaliex hafna drabi, f'sitwazzjoni ta' kunflitt bejn verzjonijiet, ikun propju d-dettal li jizblokka s-sitwazzjoni u jaghti ragun lil verzjoni wahda fuq l-ohra.

L-allegat vittma Dylan Caruana dejjem kellu verzjoni wahda; li bdiet minn fuq il-lok tal-incident dak in-nhar stess meta kien mal-art u kompliet fid-depozizzjoni tieghu quddiem il-Qorti.

Is-sewwieq tal-vettura, l-imputat Clyde Farrugia, beda b'verzjoni dak in-nhar tal-incident meta kien fuq il-post tal-incident, izda din il-verzjoni hadet zvolta fina u partikolari, meta kwazi ghoxrin gurnata wara l-incident huwa ta stqarrija bil-miktub lill-Pulizija, liema verzjoni hu ikkonferma fid-depozizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti.

Il-fatt li laqat lil din il-Qorti b' mod pezanti hu li l-imputat, fl-ebda hin, a tempo vergine, fuq il-lok tal-incident, propju dakinhar, ma jsemmi jew jaghti wiehed x'jifhem, li Dylan Caruana kien qed isuq il-mutur kontra l-*one way* u li dan kien hareg ghallarrieda min Triq Agira.

Fatt krucjal bhal dan - li certament, kieku kien minnu, kien iffiser li kellu jkun Dylan Caruana is-sewwieq responsabbli ghall-incident – kellu jsemmieh l-imputat a tempo vergine meta fuq l-post tal-incident kien qed ikellem lis-Surgent PS 1585 James Weatherill, li kien qed jiehu il-verzjonijiet

Tkun kemm tkun taht xokk, fatt bhal dan jigi zvelatt minnufih. Dan, l-imputat m'ghamlux - u 'zvelah' biss madwar 20 (ghoxrin) gurnata wara fl-istqarrija tieghu. In sostenn tal-verzjoni tieghu, l-imputat ghamel tentattiv biex issostnieha, billi gab xhud (propju lill-ommu) li tghid li kienet semghat (fil-kurituri tal-Qorti) lill-missier Dylan Caruana, Raymond Caruana, jghid lil Dylan sabiex jghid li kien ghaddej min Vjal il-Helsien u biex ma jippanikkjax. Pero`, l-imsemmi Raymond Caruana, nel frattemp, kien lahaq miet.

Dan it-tentattiv da parti tal-imputat kien wiehed fjakk ghall-ahhar, u ma jimmeritax hlief stmerrija.

Certament, mill-ottika legali, l-imputat, bil-verzjoni tieghu, ma rnexxielux jiskossa l-kaz tal-prosekuzzjoni.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-verzjoni tal-prosekuzzjoni hija konfortata mill-provi dokumentarji, konsistenti f'ritratti u fuq kollox mill-PIRS report u mill-isketch imhejji u maghmul mis-Surgent gia aktar il-fuq imsemmi.

Mill-analizi mill-qrib ta' dawn il-provi dokumentarji - tenut kont tal-point of impact, tal-punt fejn spicca l-mutur u fejn spicca Dylan Caruana wara l-point of impact, il-hsara fuq il-vetura tal-imputat li kienet fuq quddiem tal-vettura, propju fin-nofs u lejn il-lemin (in-naha tal-passigier biex jinftiehem), il-hsara fil-windscreen li jindika li Dylan Caruana, tar ghal fuqu mal-impatt - fatti dawn li lkoll jirrizultaw mill-isketch diga msemmi (ara folio 35 dok. JW1), kollox jindika li Dylan Caruana kien qed isuq il-mutur fi Vjal il-Helsien u l-impatt imsemmi sehh unikament tort tal-imputat li meta gie biex jaqsam il-karreggjata u jidhol fit-Triq Agira, ma kienx attent bizzejjed u kkawza l-incident.

**KONKLUZJONI;**

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti**, wara li rat l-artikoli 17, 30, 31, 214, 215, 216, 218, 225, 226 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib u tiddikjara lil **Clyde Farrugia** hati tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah komplessivament ghall-piena tal-multa ta` tmien mitt euro (€800) u tiskwalifikah milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan ghal perjodu ta` tlett (3) xhur li jibdew jiddekorru minn nofs il-lejl ta` l-ghada li din il-kawza tghaddi in gudikat.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur